**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 3 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 22/00B**

**Cachia Carmela u wara digriet tas-26 ta' Jannar 2001 dahlu fil-kawza in statu et terminis Anthony Cachia u Doreen Cachia Bayliss**

**Vs**

**Mario Mifsud Bonnici**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti:

1. Illi hija tikri lill-intimat d-dar bin-numru disgha u sebghin (79), bl-isem "Assunta", fi Triq Sir Adriano Dingli, Tas-Sliema bhala residenza tieghu, versu l-kera ta' mija u tmien Liri Maltin (Lm108) fis-sena bil-quddiem;

2. Illi l-intimat uza l-fond fuq irreferut ghalih ghall-xort'ohra milli ghall-iskop li ghalih kien gie lilu moghti b' kiri minghajr il-kunsens espressa ta' sid il-kera;

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat naqas milli jiehu hsieb il-fond in kwistjoni bhala "bonus paterfamilias" kif titlob il-ligi u ghamel hsara konsiderevoli fil-fond in kwistjoni, b' rizultat li l-fond de quo huwa fi stat ta' abbandun totali;

4. Illi nonostante li l-intimat gie debitament notifikat sabiex jizgumbra l-fond in kwistjoni, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 1999 (Dok A - anness), huwa baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord jawtorizaha tirriprendi pussess tad-dar bin-numru disgha u sebghin (79), bl-isem "Assunta", fi Triq Sir Adriano Dingli, Tas-Sliema fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni prezenti u tordna l-izgumbrament ta' l-istess intimat mill-imsemmi dar fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jipprefiggi.

Ra t-twegiba ta' l-intimat li inter alia qal:

"preliminarjament huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f' dawn il-proceduri stante illi l-kirja de quo hija materja ta' amministrazzjoni straordinarja vestita fil-konjugi Mifsud Bonnici konguntament u mhux unikament ta' l-intimat."

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta' Jannar 2001 fejn gew awtorizzati li jintervjenu 'in statu et terminis' Anthony Cachia u Doreen Cachia Bayliss li xtraw il-fond in kwistjoni fil-15 ta' Jannar 2001 b' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri.

Sema’ x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-verbal tal-20 ta' Gunju 2001;

Ikkunsidra,

1. Il-Bord ser jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat.

2. L-intimat ilu joqghod fil-fond mill-anqas mill-1967. Ir-rikorrenti kienet taghat il-fond b' titolu ta' cens temporanju lil xi hadd (fol 30) li ismu ma jissemiex.

Dan krieh lill-intimat. Ma gie esebit xejn dwar dan. Fil-11 ta' Lulju 1996 bejn l-intimat u r-rikorrenti Carmen Cachia sar konvenju ghall-bejgh/xiri tal-fond li hu dar ta' l-abitazzjoni. Il-kuntratt ma sehhx u skond id-dokument a fol 28 l-intimat inghata lura mir-rikorrenti "l-ammont ta' Lm3200 hlas lura tad-depozitu tal-konvenju. Id-dokument li hu ricevuta igieb id-data tas-26 ta' Novembru 1997 u hu iffirmat mill-intimat. Barra l-hlas tat- Lm3200, thallas lura l-ammont ta' Lm108, kera mill-31 ta' Ottubru 1995 - 31 ta' Ottubru 1996.

3. Ir-rikorrenti stqarret li hi dejjem kellha x' taqsam ma' l-intimat biss. L-ircevuti dejjem ghamilthom fuq ismu u fuq il-konvenju deher l-intimat biss. Barra minn hekk l-hlas lura fuq imsemmi sar lill-intimat wahdu li kitbu hu stess.

4. L-intimat jghid li l-fond inkera lilu u lil martu bhala d-dar taz-zwieg. Ghadhom joqghodu fih it-tnejn. Billi l-kirjiet 'kienu jsiru dejjem mill-Kap tal-familja.' l-kera kienet tithallas mill-intimat. Fuq il-konvenju jghid li kien deher f' ismu u f' isem il-mara u r-rikorenti "kienet taf li jiena u l-mara konna se nixtru." Martu qatt ma ffirmat xejn dwar il-fond in kwistjoni (fol 22-23)

5. L-intimat qed jghid li l-kirja ma tghajjatx lilu biss imma wkoll lil martu u ghalhekk missha tharrket hi wkoll. Dan il-punt qam in re 'Bianchi pro et noe vs Degiorgio' deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Settembru 2000: kaz dwar zgumbrament minhabba morozita' fil-hlas tal-kera.

"Illi bil-fatt li l-appellant kien joqghod fil-fond lokat lilu flimkien ma' martu u mal-familja tieghu, ma jfissirx li l-procedura kellha ssir, inkluzi l-interpellazzjonijiet li saru mis-sid, kontra tieghu u martu f' daqqa. Il- provi kollha juru li l-inkwilin kien l-appellant u li l-kera dejjem saret biss f' ismu u kwindi ma kienx il-kaz li tidhol jew tigi citata martu wkoll fil-proceduri gudizzjarji."

6. F' dan il-kaz bhal dal- imsemmi l-intimat dejjem deher u ghamel kollox hu (ara fuq). Kien biss meta gie biex iwiegeb ghal dan ir-rikors li qajjem il-kwistjoni li kellha titharrek martu wkoll.

Il-Bord jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat bl-ispejjez kontrih u jiddifferixxi r-rikors ghall-kontinwazzjoni ghal 14 ta' Novembru fid-9.30am.

Dep.Reg Magistrat